MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 199/2008

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Antonia Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ elf u tliet mitt ewro u hamsa u tletin ewro centezmi (€1300.35) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq *Client Contract Number* 1013724 u dana fix-xhur ta’ bejn Mejju tas-sena 2007 u Settembru tas-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l- konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut fil-21 ta’ Jannar, 2010 u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------